Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 440/2014

Il-Pulizja

Maggur Josephine Gauci

Vs

Mario Camenzuli

Illum 16 ta' Dicembru, 2015,

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mario Camenzuli, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 150663M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Meta b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk if zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, bejn id-29 ta' Novembru, 2013 u it-8 ta' Jannar, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil martu Anna Maria Camenzuli u/jew lil ibnu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, moghtija fis-27 ta' Ottubru, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 338(z), 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u kkundannatu xahar prigunerija

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mario Camenzuli, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-5 ta' Novembru, 2014, fejn talab lil din il-Qorti:

1. Tikkancella s-sentenza appellata u tilliberah minn l-imputazzjoni migjuba konrih u dan ukoll fid-dawl tal-principju inciz fil-Kostituzzjoni tan-ne bis in idem; jew

2. B'mod alternattiv tvarja s-sentenza appellata billi tikkonfermha f'dik il-parti li sabet htija pero' thassarha f'dik il-parti fejn il-Qorti erogat il-piena u minflok tikkundannah ghal-piena aktar ekwa u usta kif normalment fic-cirkostanzi tal-kaz.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata ta' Mario Camenzuli esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant huma s-segwenti w cioe':-

Ne bis in idem. Dan il-kuncett ta' ne bis in idem kif indikat fl-artikolu 39(9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jghid, jew ahjar kif spjegat f'diversi sentenzi foshom fis-sentenza tal-appell inferjuri Il-Pulizija vs George Azzopardi 23/01/2014 li l-interpretazzjoni korretta li ghandha tinghata lil din id-dicitura hi li persuna ma tistax tingieb il-Qorti twiegeb ghall-akkuzi li dwarhom diga' ghadda ingudikat jekk l-akkuzi l-godda setghu gew inkorporati, involuti jew alternattivi ghall-ewwel akkuza. Jigi rilevat li l-appellant gia nstab hati fit-tmintax (18) ta' Gunju, 2014 illi *b'diversi atti maghmulin minnhu, ukoll jekk if zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, ghax xhur ta' Dicembru, 2013 u Jannar, 2014, meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas li jghati lil martu Anna Maria Camenzuli u/jew lil ibnu is-somma ffissata minn dik il-Qorti jew*

*stipulata bil-kuntratt bhala manteniment ghaliha u/jew ghall-ulied fi zmien 15 il-jum li fih skond dik l-ordni jew dak il-kuntratt, ikollha tithallas dik is-somma u kkundannathu gimghatejn prigunerija.*

Il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ma setghet qatt legalment u b'mod ragonevoli tasal ghall-htija u tikkundanna lill-appellant stante li huwa kien fl-impossibilita' li jhallas il-manteniment lil martu.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-piena inflitta minn l-ewwel Onorabbli Qorti hija wahda esagerata tenut kont li l-appellant mhux bi pjacir tieghu ma ottemperax ruhu ma dan id-digriet, pero' minhabba ragunijiet ta' sahha.

Ikkunsidrat,

Illi jirrizulta mill-atti illi b'digriet tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) tal-31 ta' Ottubru 2013, l-appellanti gie ordnat jissomministra manteniment favur martu u uliedu fl-ammont ta' mija u hamsin ewro fil-gimgha (150). L-appellanti ma osservax dan l-obbligu skrupolozament u naqas li jhallas il-manteniment dovut kif jirrizulta mill-akkuza biex b'hekk huwa gie misjub hati ta'l-akkuza dedotta kontra tieghu u ikkundannat xahar prigunerija.

L-appellant hassu aggravat minn din is-sentenza u minnha interpona appell. Illi f'dan l-istadju ta' revizjoni l-appellant jissolleva d-difiza ta' *ne bis in idem* billi jishaq illi dwar l-istess mertu kienet diga giet moghtija decizjoni u dan b'sentenza ta'l-Ewwel Qorti tat-18 ta' Gunju 2014 fejn huwa gie misjub hati li ma issomministrax il-manteniment favur martu ghax-xhur ta' Dicembru 2013 u Jannar 2014, meta l-akkuza odjerna tirrigwarda il-perijodu bejn id-29 ta' Novembru 2013 u t-08 ta' Jannar 2014. Illi mill-atti jirrizulta illi l-appellant ma qajjimx dina d-difiza in prim'istanza u kwindi fl-atti ma hemmx provi marbuta ma'l-istess. Issa fi stadju ta' appell ukoll naqas milli iressaq il-provi mehtiega biex isejjes id-difiza tieghu ewlenija, fosthom is-sentenza li abbazi taghha qieghed iserrah l-eccezzjoni tal-gudikat. Fi kwalunkwe kaz jidher illi id-decizjoni tat-18 ta' Gunju 2014 giet ukoll appellata mill-appellanti u hija pendenti quddiem din il-Qorti u kwindi jonqos

wiehed mill-elementi mehtiega sabiex tirnexxi b'success dina id-difiza u cioe' il-gudikat. Illi l-artikolu 527 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra testwalment;

"***Wara sentenza** **li f'kawza tillibera imputat jew akkuzat, dan ma jistax ghall-istess fatt ikun soggett ghal kawza ohra**."

Illi kif ighallimna l-kompjant Imhallef William Harding li stqarr li bi thaddim tar-regola *ne bis in idem*: "*The criminal action is extinguished ... when there has been one act on the part of the accused and he has already been convicted (or acquitted) of an offence founded on such act, and afterwards, he is again brought up for judgment on a different charge, but founded on the same act.*" (Qorti Civili Prim'Awla (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) Il-Pulizija vs Nicolai (Nicolai-Christian) Magrin deciza is-26 ta' Marzu 2009.)

Billi ghalhekk jirrizulta illi l-aggravvju imressaq mill-appellanti huwa infondat u ukoll mhux ippruvat, il-Qorti qieghda tichad l-istess.

Illi l-appellanti jilmenta ukoll illi huwa jinsab fl-impossibilita li ihallas il-manteniment dovut, billi huwa bniedem marid u ma jistax jahdem filwaqt li martu tista' tghix komda. Illi d-dottrina izda taghti direzzjoni lil din il-Qorti fir-rigward ta' dan l-aggravvju meta inghad:

"*... jekk persuna ma tkunx tista' thallas il-manteniment ordnat anke f'kaz li persuna tisfa bla xoghol, dan ma jiskuzahiex mill-obbligu taghha li twettaq id-digriet tal-Qorti Civili, obbligu sancit bir-reat ta' natura kontavenzjonali illi tahtu hu akkuzat l-appellant. Ir-rimedju li ghandu u li kellu l-appellant kien li jadixxi tempestivament fi zmien utli lill-Qorti Civili kompetenti biex din wara li tiehu konjizzjoni tal-provi, tipprovdi billi se mai timmodifika l-ordni dwar il-manteniment. U biss wara li jottjeni tali modifika, li jkun jkun jista' jhallas anqas jekk ikun il-kaz. Sakemm dan isir, jibqa' marbut bl-obbligu tal-hlas skont l-ewwel digriet.*" (Il-Pulizija versus Anthony Saliba deciza fil-15 ta' Lulju 1998; ara ukoll Pulizija versus Alfred Camilleri, 18 ta' Settembru 2002, u Il-Pulizija versus Lawrence Mifsud, 15 ta' Ottubru 2009). Ghalhekk il-principju *nemo tenitur ad impossibilia* ma japplikax ghal dan il-kaz peress li l-appellant dejjem kien f'pozizzjoni illi jadixxi lill-Qorti Civili sabiex jottjeni varjazzjoni jew inkella ad dirittura kancellament tal-obbligu tieghu versu l-parti civili u wliedu.

Ghalhekk l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni illi waslet ghaliha u ghalhekk mhux il-kaz illi din id-diskrezzjoni tigi mibdula.

Ghal dak illi jirrigwarda l-piena l-principju regolatur hu li mhux normali illi tigi disturbata d-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti jekk il-piena inflitta tkun tidhol fil-parametri tal-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika illi kellha tkun anqas minn dak illi jkun fil-fatt erogat. F'dan il-kaz irrizulta illi l-piena tidhol fil-parametri tal-ligi u ghalhekk hawn ukoll id-diskrezzjoni tal-ewwel Qorti m'ghandhiex tigi disturbata. Però bil-verbal maghmul fid-9 ta' Novembru tal-elfejn u erbatax (2014) il-parti civili Anne Marie Camenzuli iddikjarat illi l-appellanti hallas l-ammont kollu tal-manteniment dovut. Illi gie deciz:

*"L-iskop tal-legislatur, meta introduca din il-kontravenzjoni fil-Kodici Kriminali fl-1983, kien li ssir pressjoni fuq id-debituri rikalcitranti sabiex jonoraw l-obbligi taghhom u mhux biss biex timpunixxi l-ksur tal-ordnijiet, digrieti, jew sentenzi tal-Qorti, ordnijiet illi ghandhom dejjem jigu osservati skrupolozament, jew il-ksur ta' stipulazzjonijiet kontrattwali bejn il-konjugi. F'dan il-kaz dan l-ghan intlahaq u ghalhekk hemm lok ta' temperament fil-piena ...".* (Il-Pulizija versus Publius Said - 25 ta' Settembru 2003). Din il-Qorti jidhrilha illi dan it-temperament m'ghandux isarraf f'prigunerija.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' in parti l-appell, tirriforma in parti s-sentenza appellata fejn filwaqt illi tikkonfermaha ghal dak li jirrigwarda l-htija, tirriforma l-piena u flok xahar prigunerija, tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kap 446 bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hati bil-konsegwenzi skont il-ligi jekk huwa jikkometti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta kondizzjonata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

Franklin Calleja

Deputat Registratur